**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Osarumwense Izekor**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 10 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Osarumwense Izekor** detentur tal-karta tal-identita' taljana bin-numru AX 6464899 u passaport taljan bin numru MD0029508 billi huwa akkuzat talli nhar il-25 ta' Lulju 2018 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00) gewwa Triq it-Teatru l-Antik fil-Belt Valletta u f' dawn il-Gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku , u cioePC 1253 F. Brincat, PC 61 L.Lia,

PC868 R.Psaila u PC 1406 K.Rizzo, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja, jew hedded , jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku , u cioePC 1253 F. Brincat, PC 61 L.Lia, PC868 R.Psaila u PC 1406 K.Rizzo u ufficjali ohra waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaha jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiett a' Malta;
3. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1253 F. Brincat skond ma ccertifika Dr Marcel Schembri med reg. 1460 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Minghajr ma drobt jew sawwat, heddit lil PC 1253 F. Brincat u PC 61 L.Lia, b'hadida udan bi ksur tal-artikolu 339(1) (b) tal-Kap 9
5. Ghext hajja ta'ghazz u vagabundagg u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku , kont fis-sakra b'mod li ma kontx titsa tiehu hsieb tieghak nnifsek u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijietta' Malta.

Il-Qorti giet mitlubaf'kaz ta' htija , biex tipprovdi ghall-persuni ta' minn PC1253 F. Brincat, PC 61 L.Lia, PC868 R.Psaila u PC 1406 K.Rizzo u l-ufficjali tal-pulizija jew sabiex jinzamm l-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Osarumense Izekor b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Ikkunsidrat :

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet, d-dokumenti, semghet il-provi u rat l-Artikoli 95, 96, 221(3), 338(dd), 338(ff) u 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal-dawn il-mottivi il-Qorti issib lil Osarumwnse Izekor hati u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) liema multa tigi kkonvertita fi prigunerija fin-nuqqas ta' hlas imeddjat.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**